MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 248/2013

**Appell Nru. 248/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Matthew Munro**

**Illum 20 ta' Frar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 430988 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Jannar, 2011 ghall-habta tas-1.25 a.m. fi Triq Ganni Bencini, Gzira u f'dawn il-Gzejjer ta' Malta
1. saq jew ipprova jsuq jew kull kontroll ta' vettura numru CBS-636 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. u aktar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Mejju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 15A u 15E tal-Kap. 65 filwaqt li lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza, sabitu hati ta’ l-ewwel akkuza u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ €1,200 u sospenzjoni illi jkollu licenzja ghal sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Mejju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi :
i. tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u cioe` fit-tieni akkuza;
ii. thassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u cioe1 fl-ewwel imputazzjoni u kwindi tilliberah skond il-ligi minn din l-akkuza, htija u piena;
iii. minghajr pregudizzju, f’kaz illi dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformaha fil-parti ta’ piena u cioe` l-ewwel akkuza moghtija mill-Ewwel Qorti u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-

Illi primarjament l-akkuza tindika lok ferm differenti minn fejn allegatament l-appellant suppost saq taht l-influwenza ta’ xorb jew drogi, minn dik indikata fl-affidavit tas-surgent 928 Ramon Mifsud Grech. Filwaqt Ii fl-akkuza hemm rnsemmija triq Ganni Bencini, Gzira fl-affidavit is-surgent jghid li l-esponenti kien qieghed jsuq u habat fi Triq Mikiel Anton Vassalli, li tigi biswit Paceville certament l-boghod mill-Gzira.

Illi mill-provi prodotti mid-difiza kif wkoll mill-prosekuzzjoni fil-kawza appellata, imkien ma jirrizulta sewqan eccessiv, jew sahansitra li l-appellant kien effettivament taht

influwenza ta’ xorb jew drogi, u dan ghar-ragunijiet illi filwaqt li l-incident sehh f’ Jannar tas-sena 2011, perjodu xitwi fejn ix-xita hija normali u mhux l-eccezzjoni, fil-post indikat fejn verament sehh l-incident cioe’ Triq Mikiel Anton Vassalli, (mina Regional Rd), hemm installata speed camera mal-hrug tal-istess mina u ebda vettura ma tista issuq aktar minn 60 km/hr jekk ma tinqabadx minn ntratt tal-istess kamera. F’dan il-kaz ebda ritratt ma ittiehed rninn dan l-apparat.

Illi li kieku l-esponent kien qieghed jsuq sewqan perikoluz, kieku certament ma kienx ikun possibli illi jibqa jsuq sabiex jevita li jintlaqat minn vetturi ohra hergin minn Paceville fis-1.3Oam hin assoccjat ma’ persuni jirritornaw lura minn San Giljan aktarx xurbana u mhux idoneju illi tieqaf bil-vettura taht il-mini.

Illi waqt il-mori tal-kawza appellata, hadd ma xehed mix-xufiera nvoluti fil-habta, anzi hemm dikjarazzjoni minn persuna nvoluta illi mhux interessata tixhed kif wkoll illi is-socjeta assigurattrici hallset id-danni kollha nvoluti f’din il-kollissjoni.

Illi l-esponenti mhux b’kappricc m accettax illi joqghod ghat-tieni ezami tal-kampjun tan-nifs imma kif gie prodott fil-kawza hemm certifikati mill-Profs. Galea tal-istat li minnu jbati l-appellant kif wkoll gew murija lill-Ewwel Qorti diversi cards li juru medicini konnessi ma dan l-istat li l-esponenti jiehu.  Abbazi ta’ dawn il-provi dokumentati, l-appellant kien illiberat mit-tieni imputazzjoni, korrettament izda ghar-ragunijiet li l-appellant ma jistax jifhem kien immultat multa ferm ghola minn dak provdut f’kawzi simili u coie’ 1200 euro meta apparti ebda prova ma tressqet mill-prosekuzzjoni ta’ sewqan eccessiv, ikun inholoq precedent ferm stramb meta filwaqt li persuna tkun tbati minn kundizzjoni ta’ acute nervous state, tkun difiza ghaliha li ma tkunx soggetta ghal-breathilizer test imma, xorta wahda tehel talli saqet taht influwenza ta’ xorb jew drogi!!

Illi l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu lejha, sabet htija fuq imputazzjoni mhux provduta fl-akkuza appellata, apparti illi “non est in causa non est in mundum”,

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fl-20 ta’ Jannar ta’ l-2011, ghal habta ta’ 01.30 hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli San Giljan cioe fit-triq maghrufa bhala Regional Road, karozza tat-tip Mercedes bin-numru CBS 636 habtet ma’ zewg vetturi ohra fit-triq u baqghet sejra. Il-Pulizija tal-mobile rcievew rapport mil-control room u mal-ewwel bdiet it-tfittxija ghal din il-vettura. PS 1074 L Stivala u PC 869 K Gauci intercettaw il-vettura fit-toroq ta’ madwar Rudolph Street tas-Sliema u malli avvicinaw lis-sewwieq, li sussegwentement gie ddentifikat bhala l-appellant Matthew Munro, xammew riha qawwija ta’ alkolhol fin-nifs u ghalhekk qalu lill-appellant sabiex isegwihom l-ghassa ta’ tas-Sliema sabiex isir il-breathalyzer test. Hemmhekk dan it-test ma setghax jiffunzjona sew u l-appellant ittiehed l-ghassa ta’ San Giljan, fejn gie infurmat bid-drittijiet tieghu u bil-konsegwenzi jekk jirrifjuta li jsir it-test. Madanakollu, l-appellant irrifjuta. Ix-xhieda taz-zewg kuntistabbli, giet ukoll ikkorroborata minn PS 928 Ramon Mifsud Grech, li ra lill-appellant fl-ghassa u minn hemmhekk seta’ jinduna li kien agitat u li kellu riha kbira ta’ alkohol. Ammeta mieghu li kien xurban pero, ukoll, ghamel tajjeb ghal hsara taz-zewg vetturi illi laqat. Il-Pulizija pero resqu lill-appellant il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif dehru fil-bidu ta’ dan il-gudikat u b’sentenza moghtija fil-21 ta’ Mejju ta’ l-2013, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-akkuzat mit-tieni akkuza izda sabitu hati mill-ewwel akkuza u kkundannatu ghal €1,200 u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fejn l-ilment principali tieghu kien illi l-piena inflitta kienet harxa wisq fil-konfront tieghu fejn normalment il-piena tkun biss ta’ €700.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tirrimarka, li ghal fini ta’ l-Artiklu 15 A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-breathalyzer test huwa wiehed mill-provi, izda mhux l-unika, li l-Prosekuzzjoni tista’ ggib quddiem il-Qorti sabiex tipprova li dak li jkun ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. F’dan il-kaz, hemm ix-xhieda ta’ PS 1074 Stivala, PC 869 Gauci u PS 928 Ramon Mifsud Grech, fejn ilkoll xhedu li l-appellant kellu riha qawwija ta’ alkohol fin-nifs, kien ukoll agitat minbarra l-fatt li kien hu stess kien li ammetta maghhom illi kien xurban. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi ssib lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni.

Rigward it-tieni imputazzjoni, gie ippruvat illi l-appellant ibati minn certa kundizzjonijiet psikici illi jpogguh taht stress qawwi u jista’ jaghti l-kaz illi r-rifjut tal- breathalyzer fl-ghassa ta’ San Giljan kien kondizzjonat ma’ din is-sitwazzjoni medika li kien qed ibati minnha l-appellant dak il-hin. Pero, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, din il-Qorti ssib li l-Qorti tal-Magistrati kellha ragun sabiex issib htija.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-appellant qieghed jilmenta li din hija esagerata fil-konfront tieghu. Din il-Qorti ma tahsibx li dan huwa l-kaz. Il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti ta’ l-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk jirrizulta illi l-piena inflitta tkun fil-paramentri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li din setghet tkun differenti minn dak li fil-fatt inghatat. Din il-Qorti ssib li l-piena inflitta kienet fil-paramentri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz li d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------